Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2012

Numru. 298/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Joseph Axiak**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra 'l hawn fuq imsemmi Joseph Axiak, bin Saviour u Josephine neé Mizzi, imwieled fit-30 ta' Lulju 1953 u residenti fil-fond Sunvalley, Flat 1, Triq l-Ghar ta' Ninu, Xaghra, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 48753(G) li gie akkuzat talli nhar it-2 ta'


Qrati tal-Gustizzja

April 2012 ghall-habta ta' 16:00hrs u fil-granet ta' qabel fl-akwata maghrufa bhala 'Tal-Ballakki' limiti tal-Gharb, Ghawdex ;

1. ghamel hsara volontarja fl-ammont ta' €100 li jikkonsisti fi hsara li ghamel lill-kwerelant Lawrence Axiak meta harat l-istess raba li kienet mizrugha bil-ful liema hsara ma teccedix €116.47 izda taccedi €23.29;

2. Kif ukoll talli bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu fixkel lil Lawrence Axiak fil-pussess ta' hwejgu billi haratlu l-ghalqa li Lawrence Axiak kien zera' ful liema ghalqa tinsab u hija maghrufa bhala 'Tal-Ballakki' limiti tal-Gharb, Ghawdex;

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

**Ikkunsidrat:**

ILLI ma tirrizultax li saret hsara volontarja kif imsemmi fl-ewwel (1) imputazzoni migjuba fil-konfront tal-imputat u ghaldaqstant peress illi ma ngabitx prova rigward l-ewwel (1) imputazzjoni, l-imputat qed jigi liberat minnha;

Fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni, jirrizulta li gew sodisfatti l-elementi tar-reat ta' ragion fattasi u b'hekk il-Qorti wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tat-tieni (2) imputazzjoni u tikkundannah multa ta' hamsa u sebghin ewro (€75.00).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------